MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 48/2022

It-Tlieta, 29 ta' Marzu 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba –Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

PREŻENTI (b'mod Virtwali):
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku , Dott Marlene cini

**48.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

48.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa.

**48.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

48.2.1 Il-minuti tal-Laqgħa Nru 45/2022-8, 46/2022-8 u 47/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

48.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

48.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

48.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru. 45/2002-8, 46/2022-8 u 47/2022-8 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**48.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.3.1 Is-Sindku Dott. Marlene Cini infurmat lil membri preżenti rigward il-Fondi tad-DPF ta' Triq Santa Marija fejn qalet li l-offerta għar-*railing* kienet ħarġet l-offerta fis-sena 2020. Saret komunikazzjoni ma Deckor Ltd li skond il-Bord ta' evalwazzjoni rrakomanda li l-offerta tiġi mogħtija lilhom fejn dawn talbu lil Kunsill li biex jaħdmu l-offerta billi l-prezzijiet għolew kemm tat-trasport kif ukoll tal-materjal infurmaw lil Kunsill li l-prezz ha jogħla b'14.6% cioe €14,000. Wara diskussjoni l-membri qablu li jiġi ffirmat il-kuntratt ma Deckor Ltd. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ma hemmx bżonn jintalab il-permess tad-Dipartiment għal Gvern Lokali peress li *works tender* tista' titla'

b'15%. Is-Sur Nicky Saliba fakkar lil membri li l-Kunsill ma setax jikkometti ruħu bl-iffirmar tal-kuntratt qabel ma l-Kunsill ikun ċert li ser jingħata l-fondi. Il-membri qablu li tiġi amendata l-applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar għal dawn il-fondi *extra*. Il-membri qablu wkoll li għandha tiġi amendata l-applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar għal *lighting* peress li minn meta saret l-applikazzjoni sal-llum tkissru iktar fanali.

48.3.2 Is-Sindku informat lil membri li l-Perit tal-Kunsill għandu jkejjel l-ħitan tas-Sejjiegħ ta' Triq is-Sagħtrija sabiex il-Kunsill ikun ċert li ma jaqbiżx l-fondi li ser jieħu minn din il-miżura. Il-Perit għandu jiċċertifika dan u joħroġ il-kontijiet. Proponiet sabiex issir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex jitkomplew minn naħa tagħhom. Il-membri qablu.

48.3.3 Is-Sindku nformat lil membri ġew mibdula l-iskrivaniji ta' l-uffiċċju u wkoll sar ix-xogħol ta' tisbiħ neċessarju li kien jinkludi iż-żebgħa tal-ħitan kif ukoll l-elettriku u s-sistema tal-internet. Talbet sabiex l-iskrivaniji u siġġijiet qodma jinqatew minn fuq l-inventarju tal-Kunsill u jagħtuhom lil FSWS sabiex jagħtuhom lil familji fil-bżonn. Il-membri qablu.

48.3.4 Is-Sindku informat lil membri illi l-Kunsill ikkwalifa għal fondi ta' l-iskema Reġjonali fuq il-Kultura, l-Ambjent u Spazzji Miftuħa. Peress li l-iskema Reġjonali fuq il-Kultura u l-Ambjent diġa saru u applikajna biex jinġabru l-fondi, l-Kunsill qed jistenna li jirċievi l-fondi mir-Reġjun Għawdex li jammontaw għal €25,500. Rigward il-proġett ta' Spazzji Miftuħa, il-Perit qed jagħmel is-*surveys* u l-pjanti neċessarji sabiex l-Kunsill ikun jista' joħroġ l-offerti.

48.3.5 Is-Sindku infurmat lil membri preżenti illi l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur tal-Finanzi u Procurement Compliance fuq id-deficit u negative working capital 2021. Kompliet tgħid li l-Kunsill mela l-formoli mitluba u s-Seg. Eżekuttiv flimkien ma' l-*accountant* tal-Kunsill għandhom jattendu għal laqgħa fil-*boardroom* tad-Dipartiment tal-Governanza Lokali nhar il-Ħamis, 28 t'April fil-10.30 ta' filgħodu.

48.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi sar vandaliżmu fuq il-bieb tal-latrina tax-Xwejni. Dan ġie tranġat mal-ewwel. Qalet ukoll li qed jinġibdu l-filmati minn fuq is-CCTV *cameras* sabiex jingħataw lill-Pulizja ħalli dawn jieħdu azzjoni.

48.3.7 Is-Sindku issuġeriet u l-membri qablu sabiex tinxtara *cat trap* u *cat cage* u tingħata lil Animal Steward.

**48.4 Jum iż-Żebbuġ**

48.4.1 Rigward Jum iż-Żebbuġ is-Sindku proponiet u l-membri qablu li nhar is-Sibt, 30 t'April 2022 ssir quddiesa ta' Radd il-Ħajr u ċerimonja qasira bis-sehem tal-Banda u l-korijiet fil-Knisja Parokkjali. Kompliet tgħid li jingħata Ġieħ iż-Żebbuġ lil eks Sindku Chev. Carmelo Saliba kif kien propona l-Kunsillier Daniel Cordina. Il-membri qablu illi jingħata biss Ġieħ iż-Żebbuġ lil ex--Sindku u ma jingħata ebda rikonoxximent. Hawn il-Kunsillier Baskal Saliba ddikjara konflitt ta' interess peress li dan hu missieru. Is-Sindku Dott Marlene Cini qalet ukoll li wara jsir riċeviment żgħir dejjem jekk it-temp jippermetti. Il-Kunsillier Cordina staqsa jekk hux ser isiru diskorsi. Il-membri qablu li d-diskorsi għandhom ikunu minimi u għalhekk għandu jsir diskors mis-Sindku biss. Fuq proposta tal-Kunsillier Cordina, il-membri qablu li għandha ssir bijografija tal-Chev. Carmelo Saliba mis-Sur Joe Bajada. Il-membri qablu wkoll li għandu jitqabbad *compere.* Proponiet ukoll u l-membri qablu li il-Ħadd, 1 ta' Mejju 2022 isir it-tberik ta' l-annimali bil-għajuna ta' l-Animal Steward, jingħata ritratt u *frame* bħala tifkira, tingħalaq nofs il-pjazza u ikun hemm *bouncing castle* u logħob ieħor għat-tfal. Qablu wkoll li tintbgħat stedina f'kull dar għal Jum iż-Żebbuġ.

**48.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

48.5.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

48.5.1.1 Talbet sabiex tingħalaq l-għalqa privata li hemm fil-kantuniera ta' Triq it-Torn. Is-Sindku infurmata illi l-Pulizija tal-kommunita' kellem lil min kien qed jarmi illegali f'dik il-kantuniera. Kompliet tgħid li ukoll intbgħatet emejl lil ERA f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Baskal Saliba talab sabiex bħal ma jsir fejn l-iskips

tar-Rabat hemm ukoll ikun hemm l-uffiċċjali ta' l-ERA. Il-membri qablu li għandha terġa tinġibed l-attenzjoni ta' l-ERA.

48.5.1.2 Infurmat lil membri kellha ilment minn għand resident li għandu *boat house/garaxx* fil-Bajja ta' taħt ix-Xifer fejn dan ir-resident qed jilmenta minħabba li fis-Sajf qed jipparkjaw il-*campers* quddiem il-*boat house/garaxx* tiegħu. Is-Sindku infurmatha illi mhux suppost li jiġu ipparkjati ebda tip ta' vetturi quddiem garaxxijiet u għalhekk din ir-residenta għandha tagħmel rapport lil Pulizija f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li l-Kunsill tan-Naxxar kien qed jaħdem fuq xi *bye law* simili rigward il-*campers*.

48.5.1.3 Talbet sabiex isir il-qtugħ ta' ħaxix madwar Marsalforn. Il-membri qablu.

48.5.1.4 Talbet sabiex issir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex rigward il-kisi ta' Triq il-Qbajjar issa li għaddiet l-elezzjoni. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li l-ilma f'din it-triq reġa beda ħiereġ. Il-membri qablu.

48.5.1.5 Fakkret sabiex jitwaħħlu l-bankiijiet f'Marsalforn. Is-Sindku infurmata li ser jitwaħħlu bankijiet komdi bid-dahar hekk kif ikun ġej is-Sajf.

48.5.1.6 Fakkret sabiex issir *reminder* lil Perit tal-Kunsill rigward il-kaxxi tal-parkeġġ ta' Triq il-Qbajjar.

48.5.1.7 Infurmat lil membri li fi Triq Għar Qawqla hemm fejn isiru aktar kaxxi tal-parkeġġ. Il-Kunsillier Daniel Cordina żied jgħid li hemm garaxxijiet li qed jintużaw bħala *maisonettes* u li quddiemhom ma nżebgħux kaxxi tal-parkeġġ. Qal ukoll li fil-pjazzetta hemm ukoll fejn jiżdiedu xi kaxxi. Il-membri qablu li ssir laqgħa mal-Perit fuq il-post.

48.5.1.8 Talbet sabiex jinżebgħu ukoll il-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq ix-Xagħra. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja mal-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward peress li dawn il-pjanti kienu ntbagħtu diġa lis-Segretarju preċedenti.

48.5.1.9 Ippropniet sabiex isiru zewġ *cat houses* oħra. Is-Sindku infurmata li dawk diġa qed isiru.

48.5.1.10 Proponiet sabiex it-*telephone box* ta' żmien l-ingliżi ta' fejn il-knisja issir bħal librerija fejn jitpoġġew xkaffi u kotba ġo fiha u dan peress li din m'għadiex tintuża. Is-Sindku qalet li hemm oħra fi Triq il-Ponta li tista' ssir b'dan il-mod. Il-membri qablu ma dan u qablu li għandhom isiru l-manutenzjonijiet meħtieġa lil dawn it-*telephone boxes.*

Is-Sindku, Dott Marlene Cini ssospendiet il-laqgħa tal-Kunsill fil-5.35 ta' filgħaxija peress li kellha ssir laqgħa flimkien mal-Perit tal-Kunsill u PRAX minħabba l-pagamenti taż-Żebbuġ Playing Field.

Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet fis-6.10 ta' filgħaxija.

Is-Sindku infurmat lil membri li wara l-laqgħa li kellhom flimkien ma PRAX u l-Perit tal-Kunsill u li għalhekk saret din is-sospensjoni tal-laqgħa, qalet li huwa fatt illi sar xogħol extra fil-playing field bħal ġibja, bankina ta' barra u twittija tal-ħitan u li minn dan it-tisbiħ qed igawdi kulħadd. Il-membri qablu li ssir talba lid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward is-€70,000 *extra* fil-kont ta' PRAX u liema *extra* ġie maqbul mal-Perit. Il-membri qablu li l-Perit għandu jħejji ċ-ċertifikazzjoni tal-proġett u jissottometti l-materjal kollu mitlub lil Awtorita' ta' l-Ippjanar. Qablu li malli jsiru ċ-ċertifikazzjonijiet neċessarji, għandhom jitħallsu l-kuntratturi kollha li għamlu x-xogħol inkluż PRAX bid-differenza ta' €70,000 fil-kont ta' PRAX titħallas b'*installments* wara li tinġieb l-approvazzjoni tad-Dipartiment għal Gvern Lokali.

48.5.2 ***Il-Kunsillier is-Sur Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:***

48.5.2.1 Talab sabiex titranġa l-bankina fiq Triq Lapsi peress li hi perikoluża. Il-membri qablu li din titranġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

48.5.2.2 Talab sabiex malajr kemm jista' jkun jitranġaw il-kaxxi tal-parkeġġ ta' Triq Għar Qawqla sabiex jitnaqqas l-inkonvinjent tar-residenti. Din il-materja ġiet diskussa aktar qabel.

48.5.2.3 Rigward il-kwistjoni tal-*alignment* fi Triq Għajn Mhelhel is-Sur Nicky Saliba xtaq li ċertu affaijiet jiġu ċċarati u għalhekk jitlob li ssir laqgħa mal-familja Attard f'dan ir-rigward sabiex il-Kunsill ikun jista' jfiehem kif eżatt kienu l-affarijiet. Is-Sindku Dott Marlene Cini qalet li fl-opinjoni tagħha kien żball li din il-kwistjoni ma ġietx diskussa f'laqgħa tal-Kunsill. Il-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-familja Attard qabel il-laqgħa li jmiss sabiex jiġu ċċarati l-affarijiet. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li hu ukoll qed jiġi miżinterpritat.

48.5.3 *Il-Kunsillier s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

48.5.3.1 Sabiex jintbgħat *reminder* fuq id-*disabled parking bay* fi Triq Skapuċċina.

48.5.3.2 Talab sabiex il-kaxxa tad-*disabled* fi Triq Qolla s-Safra u li diġa saret applikazzjoni u approvata minn Transport Malta sabiex din tiġi personalizzata, jiġu mfakkra Transport Malta sabiex jinżebaħ in-numru tal-karozza.

Il-Kunsillier Daniel Cordina skuża ruħu biex joħroġ mill-laqgħa u telaq fis-6.20 ta' fil-għaxija.

48.5.4 *Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

48.5.4.1 Fakkar sabiex teħel il-*floodlight* fi Pjazza San Pawl f'Marsalforn minħabba in-nuqqas ta' dawl. Is-Seg. Eżekuttiv li wara li ntbgħat it-*technician* tal-Kunsill dan infurmha li diġa hemm *floodlight* u li fl-opinjoni tiegħu il-Pjazza hija mdawla. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li din il-*floodlight* trid teħel tħares lejn Triq ix-Xagħra peress li l-ewwel parti hija mdalma. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma lit-*technician* b'dan.

48.5.4.2 Fakkar sabiex isiru in-*no stopping signs* fi Trejqet l-Andar. Qal li skond is-server tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar parti minnha hi

progettata li ssir triq pubblika. Il-membri qablu sabiex issir talba lil Transport Malta għan-*no stopping* fuq naħħa waħda fil-parti d-dejqa tat-triq.

48.5.4.3 Talab sabiex triq bla isem fi Triq il-Ponta issir talba lil Perit tal-Kunsill sabiex jistma' biċċa art sabiex tiġi mixtrija mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li għandha ssir talba lil Perit tal-Gvern f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu li aħjar din it-talba tintbgħat lil Ministeru Għal Għawdex.

48.5.4.4 Irringrazzja lil membri sħabu li kien hemm qbil unanimu fuq l-għoti ta' Ġieħ iż-Żebbuġ u qal li jaf li din ma kienitx deċiżjoni faċli. Propona li jingħata ukoll Ġieħ iż-Żebbuġ lil xi ħadd ieħor peress li s-sena l-oħra ma ingħata l-ebda ġieħ minnħabba l-pandemija. Wara diskussjoni, l-membri ma qablux ma dan.

48.5.4.5 Talab lis-Seg. Eżekuttiv jekk il-Perit tal-Kunsill bgħatx il-BOQ ta' l-isqaq fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Seg. Eżekuttiv issottomettit il-BOQ lil membri. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward peress li l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed għal dan.

## 48.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

48.6.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li fil-futur qarib ser tibda' titħaddem l-*online permit system.*

48.6.2 Talba mingħand PRAX sabiex jiksu bil-*porfido* parti minn Triq is-Sellum spejjes tagħhom. Il-membri qablu.

48.6.3 Rigward il-Gozo SME renewal insurance, il-membri qablu li għandha tingħata lil Mapfre Middlesea through MUIA peress li huma l-irħas kwotazzjoni.

48.6.4 Talba mingħand *street hawker* fejn talab permess lil Kunsill sabiex jibda' jarma fix-Xwejni jew Għar Qawqla. Il-membri qablu li din mhiex kompetenza tal-Kunsill u għalhekk dan għandu jintbgħat għand l-Awtorita' ta' l-Artijiet.

48.6.5 Talba mingħand is-sid tal-Watersport li jarma f'Marsalforn fejn talab għal approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista' jħalli il-canoes f'Marsalforn peress li il-port ikun *pedestrian.* Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

48.6.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ħarġet Skema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021 fejn il-Kunsill jista' jiġi ffinanzjat sa massimu ta' €3,500. Is-Sindku nfurmat lil preżenti li peress li fl-iskola ser isir it-tisbiħ, il-Kunsill għadu ma jafx x'ser isir mill-librerija. Kompliet tgħid li l-librara talbet sabiex titwaħħal arja kundizzjonata. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li jinxtraw kotba *dyslekxia friendly* waqt li fuq proposta tal-Kunsillier, Baskal Saliba l-membri qablu li jinxtara *portable air condition.*

48.6.7 Talba li tressqet f'laqgħa preċedenti sabiex isir *double yellow line* faċċata ta' garaxx quddiem proprjeta' ta' ħaddieħor fi Triq il-Kaċċatur. Hawn il-Viċi Sindku, Sandra Grech ddikjarat kunflitt ta' nteress u ma ħaditx sehem fid-diskussjoni. Wara diskussjoni qasira, il-membri qablu li qabel ma ssir talba ma Transport Malta tinġab l-approvazzjoni ta' sid il-proprjeta' fejn ser isiru l-linji sofor.

48.6.8 Emejl minn Transport Malta rigward it-*taxi stand* fi Triq il-Forn. Il-membri ma qablux li għandha ssir fejn qed jipproponu Transport Malta pero aktar lura minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ.

48.6.9 Emejl mill-Paroċċa ta' Santa Marija fejn talbu sabiex matul żmien ir-Randan, flimkien mal-Kunsill jorġanizzaw attivitajiet għat-tfal. Il-membri qablu.

48.6.10 Rigward il-Fondi ta' Aġġustament il-membri qablu li għandha ssir talba lid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex dawn il-fondi jintużaw għal aktar tindif fil-lokalita' ta' Marsalforn speċjalment fis-Sajf.

48.6.11 Talba mingħand tlett persuni/stabbilimenti għal permessi ta' attivitajiet fix-Xwejni Salt Pans. Il-membri qablu li l-permessi

jingħataw bħal ma kienu jingħataw fil-passat meta ssir xi talba simili biex jintużaw dawn.

48.6.12 Talba mingħand kumpanija tal-bejgħ ta' proprjeta' fejn talbu lil Kunsill sabiex ikunu jistgħu jitwaħħlu tabelli ta' reklemar. Ma kienx hemm qbil f'dan ir-rigward.

48.6.13 Risposta mingħand il-Perit rigward il-gandott perikoluż ma binja fi Trejqet l-Għerejjex. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jivverifika ta' min hi l-binja fejn tħalla l-gandott u tinġibidlu l-attenzjoni.

48.6.14 Talba minghand resident fi Triq Lifurna fejn talab għal *one meter double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx tiegħu. Il-membri qablu li jsir naħħa waħda biss peress li n-naħħa l-oħra tal-garaxx hemm grada li tintuża biex jiddaħħlu xi karozzi.

48.6.15 Ilment Nru 13/2022
Talba sabiex isiru *one meter double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx fi Triq il-Qolla s-Safra.

Il-membri qablu ma dan.

48.6.16 Ilment Nru 14/2022
Talba sabiex isir sement quddiem l-egħlieqi tiegħu sabiex ikollu aċċess u talab ukoll sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin.

Il-membri ma qablux ma dan peress li ma jistax jagħmel xogħol fil-privat u għandu jinqata' l-ħaxix ħażin li jinsab biss fit-triq.

48.6.17 Ilment Nru 15/2022
Talba sabiex jitranġaw ħitan tas-sejjiegħ imwaqqgħin fuq in-naħħa ta' wara ta' Triq Għajn Mhelhel.

Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

48.6.18 Ilment Nru 16/2022
Talab sabiex jitnaddaf mill-ħaxix l-isqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri.

Il-membri qablu li jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill.

48.6.19 Ilment Nru 17/2022
Talab sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jingħata l-konkos fl-inħawi ta' Għajn Qużżat.

Il-membri qablu li għandu jiġi mfakkar il-Perit sabiex jħejji l-BOQ.

48.6.20 Ilment Nru 18/2022
Talab sabiex teħel tabella oħra fuq arblu ta' 'Tarmix Żibel' fejn il-*pumping station* ta' Triq il-Wied kif ukoll jitnaddaf il-Wied.

Il-membri qablu li teħel tabella.

48.6.21 Ilment Nru 19/2022
Talab sabiex isiru *double yellow lines* f'kantuniera fi Triq Manuel Magro.

Il-membri ma qablux.

**48.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 32/2022 għall-perjodu ta' Marzu 2022 li tammonta għal € 48,880.97 ġiet approvata u ffirmata.

**48.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.05 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 25 t'April 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 25 April 2022

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv